# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 22**

**Avviz numru 910/01/SM**

**Charles Gauci**

**vs**

**Emanuel Abela u Lantana Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma ta' LM2052.50,0 (elfejn u tnejn u hamsin liri Maltin u hamsin centezmu), rapprezentanti bilanc dovut minn somma akbar (Dok. A) ghal xoghol ta' katusi tal-ilma u d-drenagg li l-attur ghamel fuq struzzjonijiet**

taghhom gewwa St. Paul's Court, Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament tigi eccepita l-intempestivita ta' din l-azzjoni stante li x-xoghol kommissjonat lill-attur ghadu mhux kompletat u allura l-hlas mhux dovut;

2. Illi wkoll in linea preliminari, Emanuel Abela proprio ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa dejjem agixxa ghan-nom ta' kumpanija, u l-attur kien jaf b'dan;

3. Illi fl-istadju inizjali tal-kawza l-attur ghandu jiddikjara jekk huwiex ser jikkompleta l-appalt lilu mghoddi mis-socjeta' konvenuta u accettat minnu;

4. Illi bla pregudizzju ghal dawn, parti mix-xoghol kompletat, cioe' fix-shafts, ma sarx skond l-arti u s-sengha;

5. Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li ghax-xoghol li sar s'issa, l-ammont mitlub mill-attur huwa ghola minn dak li jkun gustament dovut lilu skond il-ftehim ta' l-appalt;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak kollu premess, il-konvenuti m'ghandhom qatt ibaghtu l-ispejjez ta' din il-procedura jew l-interessi stante dak li hu premess fl-ewwel eccezzjoni, oltre li sa minn qabel inbdew dawn il-proceduri l-konvenut nomine kien offra bla pregudizzju hlas ekwivalenti ghax-xoghol kompletat, u l-attur irrifjutahom;

**7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur kien ingaggat mill-konvenuti biex jaghmel ix-xogholijiet ta' dranagg, dawl u ilma fil-fond "St. Paul's Court", Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, proprjeta' ta' l-istess konvenuti;**

2. **Illi l-istima ppreparata mill-attur, li tidher a fol 16, giet accettata u l-konvenuti taw lill-attur struzzjonijiet biex jibda' x-xogholijiet necessarji;**

3. **Illi jidher pacifiku wkoll li l-partijiet ftehemu li wara li l-attur ikun effettwa kwantita' ta' xoghol kellu juri l-kontijiet lill-konvenuti biex dawn ikunu jistghu jeffettwaw xi pagamenti li permezz taghhom l-istess attur ikun jista' jkompli x-xogholijiet li kellhom isiru;**

4. **Illi fil-fatt jidher li hekk sar u effettivament il-konvenuti ghaddew zewg pagamenti ta' elf Lira Maltija, (LM1,000.00,0), il-wahda lill-attur;**

5. **Illi meta l-attur ipprezenta t-tielet sett ta' kontijiet dan ma thallasx;**

6. **Illi fil-frattemp dahlet terza persuna li anke flimkien ma l-attur effettwat analizi tax-xogholijiet li saru u ta' dawk li kien ghad baqghalhom jigu konkluzi;**

**7. Illi stante li l-partijiet baqghu ma ftehmux l-attur kellu jirrikorri ghal din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi r-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna tiddependi biss mill-ftehim li sar bejn il-partijiet u kwalunkwe intromissjoni ta' terzi hi biss manuvra biex ittawwal il-konkluzjoni tal-vertenza bejn l-istess partijiet;**

**Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuti qatt ma gew ipprovati u konsegwentement din il-qorti qed tirrespingihom;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta assodat li l-bilanc mitlub mill-attur hu wiehed dovut unikament u esklussivament "ghal xoghol ta' katusi tal-ilma u drenagg li l-attur ghamel fuq struzzjonijiet tal-konvenuti";**

**Illi ghalhekk l-istedina tar-rapprezentant legali tal-konvenuti li l-qorti tanalizza li dan l-ammont jikkomprendi affarijiet ohra hi wkoll respinta;**

**Illi in oltre din il-qorti hi sodisfatta li l-attur hadem in bona fede u skond il-ftehim bejn il-partijiet;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Emanuel Abela u Lantana Company Limited biex ihallsu l-ammont ta' elfejn u tnejn u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM2,052.50,0), lill-attur Charles Gauci, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data ta' l-ittra ufficjali tas-16 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**